

EBA/GL/2024/03

11/04/2024

Linji Gwida

dwar l-applikazzjoni tat-test tal-kapital ta' grupp għal gruppi ta' ditti ta' investiment f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2033/2019

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jaġġmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Dawn il-Linji Gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida jkunu diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16.09.2024. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza EBA/GL/2024/03. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus ta' konformità trid tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033 biex jippermettu lill-gruppi ta' ditti ta' investiment japplikaw it-test tal-kapital ta' grupp ("permess għat-test tal-kapital ta' grupp"), jew iżommu ammont aktar baxx ta' fondi proprji mill-ammont ikkalkulat skont l-Artikolu 8(3) ta' dak ir-regolament ("permess għal ammont aktar baxx").

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fuq bażi individwali u konsolidata fil-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

Destinatarji

7. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4, punt (2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 4, punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/2033 jew id-Direttiva (UE) 2019/2034.

Definizzjonijiet

8. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u ddefiniti fid-Direttiva (UE) Nru 2019/2034 jew fir-Regolament (UE) Nru 2019/2033 għandhom l-istess tifsira f' dawn il-Linji Gwida.

3. Implimentazzjoni

Data tal-applikazzjoni

9. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.
10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, saż-żmien tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida, jiżguraw li l-permessi kollha għat-test tal-kapital ta' grupp u għal ammont aktar baxx fis-seħħ jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida.

4. Linji Gwida

4.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

11. Awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti permess għat-test tal-kapital ta' grupp jew għal ammont aktar baxx minkejja li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida jkunu ġew issodisfati, meta tqis li konsolidazzjoni prudenzjali jew ammont ogħla ta' fondi proprji għandhom jitqiesu bħala xierqa għal dak il-grupp ta' ditti ta' investiment partikolari.

4.2 Permess simplifikat għat-test tal-kapital ta' grupp

12. Awtorità kompetenti ma għandhiex titwaqqaf milli tqis li grupp ta' ditti ta' investiment ikun sempliċi biżżejjed u li ma joħloqx riskji sinifikanti għall-klijenti u għas-suq, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) jikkonsisti biss minn kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni jew ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni li hija żgħira u mhux interkonnessa skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, ta' ditti ta' investiment żgħar u mhux interkonnessi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) ta' dak ir-regolament u ta' impriżi ta' servizzi anċillari;
- (b) ikun stabbilixxa arranġamenti organizzazzjonali sodisfaċenti u funzjonijiet suffiċjenti ta' kontroll tar-riskju li jkunu proporzjonati għad-daqs u l-mudell tan-negozju tal-grupp ta' ditti ta' investiment;
- (c) il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot ta' kull impriża tal-grupp tkun il-proprjetà ta' impriżi oħra tal-grupp;
- (d) ir-rabtiet kapitali tiegħu, l-istruttura tas-sjieda tiegħu u l-ftehimiet kuntrattwali bejn id-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni, u l-impriżi tal-grupp, kif ukoll dawk fost l-impriżi tal-grupp, ikunu disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba;
- (e) ir-rabtiet kapitali tiegħu, l-istruttura tas-sjieda tiegħu u l-ftehimiet kuntrattwali msemmija fil-punt (d) ma jirrappreżentawx impediment għall-eżerċizzju tal-kontroll mid-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, mill-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-

Unjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni fuq l-impriżi tal-grupp;

(f) l-implikazzjonijiet għall-governanza tal-grupp kollu kemm hu tar-rabtiet kapitali, tal-istruttura tas-sjieda u tal-ftehimiet kuntrattwali msemmija fil-punt (d) ma jeħtiġux superviżjoni fuq bażi konsolidata;

(g) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jibqgħu qrib biżżejjed tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-regolament, f'perċentwal indikattiv akbar minn 85 % ta' dan tal-aħħar.

13. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jitwaqqfu milli japplikaw it-Taqsimiet 4.3 u 4.4 biex jivvalutaw jekk permess għat-test tal-kapital ta' grupp għandux jingħata lil grupp ta' ditti ta' investiment li jissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu preċedenti, meta dak il-grupp ma jissodisfax waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b) sa (g) tal-paragrafu preċedenti.

4.3 Permess għat-test tal-kapital ta' grupp: kundizzjonijiet għall-grupp ta' ditti ta' investiment li jitqiesu sempliċi biżżejjed

14. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jitwaqqfu milli jqisu grupp ta' ditti ta' investiment li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fit-Taqsima 4.2 bħala sempliċi biżżejjed għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-għadd ta' impriżi fil-grupp kif imsemmi fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033, inkluża d-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni, ikun ugwali għal jew inqas minn sitta;

(b) b'deroga mill-paragrafu 14 (a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw grupp ta' ditti ta' investiment li jinkludi aktar minn sitt impriżi bħala sempliċi biżżejjed jekk jikkonkludu li l-istruttura tal-grupp hija konsistenti mal-mudell tan-negozju u mal-attivitajiet tal-grupp ta' ditti ta' investiment, u l-grupp jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 15 (e);

(c) il-grupp ta' ditti ta' investiment jinkludi mhux aktar minn impriża prinċipali waħda bejn id-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni, u sussidjarja;

(d) b'deroga mill-paragrafu 14 (c), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw grupp ta' ditti ta' investiment li jinkludi aktar minn impriża prinċipali waħda bejn id-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni u sussidjarja bħala sempliċi

biżżejjed jekk il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-impriżi kollha tal-grupp tkun proprjetà ta' impriżi oħra ta' dak il-grupp, u l-istruttura tal-grupp tkun konsistenti mal-mudell tan-negozju u mal-attivitajiet tal-grupp ta' ditti ta' investment, b'mod li r-riskji jkunu jistgħu jiġu kkontrollati, inklużi r-riskji li jirriżultaw minn impriżi tal-grupp li jinnegozjaw f'isimhom stess jew minn strutturi tal-grupp imposti mil-liġijiet nazzjonali;

- (e) l-ebda attività relatata ma' ASA u CMH ma ġiet esternalizzata lil impriża oħra tal-grupp;
- (f) l-attivitajiet relatati mal-AUM jiġu esternalizzati fl-impriżi tal-grupp f'perċentwal li ma jaqbiżx il-150 % tal-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 12(1)(a) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għal gruppi b'mhux aktar minn żewġ impriżi b'AUM pożittiv; dan il-perċentwal jiżdied b'50 % għal kull impriża ta' grupp addizzjonali b'AUM pożittiv. Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-valuri għall-kalkolu għandhom jirreferu għas-sena finanzjarja preċedenti, u t-trasferiment lura tal-attività għandu jiġi injorat;
- (g) jekk ikun hemm fis-seħħ kuntratti jew arranġamenti għat-trasferiment ta' pożizzjonijiet ta' negozjar fost l-impriżi tal-grupp, il-valur tal-pożizzjonijiet ta' negozjar trasferiti għandu jkun aktar baxx mid-doppju tal-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 94(1)(b) tar-Regolament (UE) 575/2013 għal pożizzjonijiet soġġetti għal K-NPR jew K-CMG, abbażi taċ-ċifri tas-sena finanzjarja preċedenti. L-assi u l-pożizzjonijiet kollha b'valur ġust negattiv għandhom jittieħdu b'valur assolut għall-finijiet ta' dan il-punt, u n-netting ma għandux ikun permess. Għall-finijiet ta' dan il-punt, it-trasferiment lura għall-impriżi tal-grupp ma għandux jgħodd għal dan il-livell limitu;
- (h) jekk it-trasferiment ta' attivitajiet soġġetti għal K-AUM, K-ASA, K-CMH, K-NPR u K-CMG iseħħ bħala konsegwenza ta' ristrutturar tal-grupp, inklużi fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, il-valur tal-attivitajiet ittrasferiti ma għandux jgħodd għal-limiti stabbiliti fil-paragrafi 14(e), (f) u (g) għas-sena finanzjarja li fiha seħħ ir-ristrutturar tal-grupp;
- (i) ir-rabtiet kapitali, l-istruttura tas-sjieda u l-ftehimiet kuntrattwali bejn id-ditta ta' investment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni u l-impriżi tal-grupp, kif ukoll dawk fost l-impriżi tal-grupp, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti fuq talba;
- (j) ir-rabtiet kapitali, l-istruttura tas-sjieda u l-ftehimiet kuntrattwali msemmija fil-punt (i) ma jirrappreżentawx impediment għall-eżerċizzju tal-kontroll mid-ditta ta' investment prinċipali tal-Unjoni, mill-kumpanija azzjonarja ta' investment prinċipali tal-Unjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni fuq l-impriżi tal-grupp;
- (k) ir-rabtiet kapitali, l-istruttura tas-sjieda u l-ftehimiet kuntrattwali msemmija fil-punt (i) ma għandhom l-ebda implikazzjoni fuq il-governanza tal-grupp sfiħ, b'tali mod li jeħtieġu superviżjoni fuq bażi konsolidata.

4.4 Permess għat-test tal-kapital ta' grupp: kundizzjonijiet biex jitqies li l-grupp ta' ditti ta' investment ma joħloqx riskji sinifikanti għall-klijenti jew għas-suq

15. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jitwaqqfu milli jqisu li grupp ta' ditti ta' investment li ma jissodisfax il-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 4.2 ma joħloqx riskju sinifikanti għall-klijenti jew għas-suq għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jibqgħu qrib biżżejjed tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-regolament, f'perċentwal indikattiv akbar minn 90 % ta' dan tal-aħħar;
- (b) l-ebda waħda mill-impriżi tal-grupp tad-ditti ta' investment, inklużi impriżi li jinsabu f'pajjiżi terzi, ma għandha ħruġ pendenti ta' strumenti ta' ekwità jew ta' dejn li mhumiex elenkati f'borża regolata miżmuma minn klijenti fil-livell tal-konsumatur fl-UE, kif definit fl-Artikolu 4(1)(11) tad-Direttiva (UE) 2014/65; dan il-kriterju ma jinkludix is-sidien tal-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot, il-manigġers u l-impjegati ta' kwalunkwe waħda mill-impriżi tal-grupp tad-ditti ta' investment;
- (c) ikun hemm massimu ta' impriża waħda fil-grupp li tkun membru tal-ikklerjar kif definit fl-Artikolu 4(1) (3) tar-Regolament (UE) 2019/2033;
- (d) jekk impriża waħda jew aktar tal-pożizzjonijiet tal-ħeġġ tal-grupp soġġetti għal K-NPR jew K-TCD għal impriżi oħra tal-grupp permezz ta' ftehimiet interni ta' trasferiment tar-riskju, ikun hemm fis-seħħ, fi ħdan il-grupp, arranġamenti organizzazzjonali sodisfaċenti u funzjonijiet suffiċjenti ta' kontroll tar-riskju, proporzjonati għad-daqs tal-grupp tad-ditta ta' investment u għar-riskju ġestit mill-impriżi li jiħħeġġjaw dawk il-pożizzjonijiet, u r-riskju globali li jirriżulta mill-pożizzjonijiet kummerċjali tal-grupp tad-ditta ta' investment u l-ħeġġijiet tagħhom ma jkunx sorveljat aħjar skont il-qafas ta' konsolidazzjoni prudenzjali;
- (e) jekk awtorità kompetenti tqis li grupp ta' ditti ta' investment għandu struttura sempliċi biżżejjed iżda ma jissodisfax il-kriterji fil-paragrafu 14(a) jew fil-paragrafu 14(c), ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 jibqgħu qrib biżżejjed tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-regolament, f'perċentwal indikattiv akbar minn 95 % ta' dan tal-aħħar. Jekk awtorità kompetenti tqis li grupp ta' ditti ta' investment għandu struttura sempliċi biżżejjed iżda ma jissodisfa l-ebda wieħed mill-kriterji fil-paragrafi 14(a) u 14(c), ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 għandhom preferibbilment ikunu tal-anqas ugwali għar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-regolament.

16. Jekk xi waħda mill-impriżi tal-grupp tkun soġġetta għal kwalunkwe proċediment imsemmi fl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-ksur relatat ma' dawn il-proċedimenti joħloqx riskji sinifikanti għall-klijenti jew għas-suq.
17. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 15(a), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw lid-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, lill-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew lill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni mill-obbligu li tikkalkula ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-grupp ta' ditti ta' investiment skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033 jekk iqisu li l-isforz meħtieġ biex jitwettag tali kalkolu jkun sproporzjonat. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jagħtu din l-eżenzjoni, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-grupp tad-ditti ta' investiment skont l-Artikolu 7 ta' dak ir-regolament għandhom jiġu sostitwiti bis-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji individwali tal-impriżi kollha tal-grupp li huma ditti ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, kumpaniji azzjonarji ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta prinċipali tal-Unjoni u kwalunkwe impriża prinċipali oħra li hija ditta ta' investiment, istituzzjonijiet finanzjarji, impriżi ta' servizzi anċillari jew aġenti marbuta. Jekk impriża ma tkunx ditta ta' investiment, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji individwali huma daww applikabbli skont il-qafas prudenzjali rilevanti. Jekk impriża tkun impriża sussidjarja li tinsab f'pajjiż terz, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji individwali għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 20.

4.5 Permess għal ammont aktar baxx: kundizzjonijiet li jippermettu livell aktar baxx ta' fondi proprji

18. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jitwaqqfu milli jagħtu permess għal ammont aktar baxx meta r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 ikunu ogħla mir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-regolament f'perċentwal indikattiv ta' mill-inqas 125 % ta' dan tal-aħħar, u l-grupp ta' ditti ta' investiment jissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 4.2, jew fit-Taqsimiet 4.3 u 4.4. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-perċentwal imsemmi f'dan il-paragrafu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li r-riskju tal-kambju jiġi kkalkulat bl-istess mod għar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2019/2033 u r-rekwiżiti kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.
19. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' kwalunkwe impriża sussidjarja f'pajjiż terz jenħtieġ li jiġu ddeterminati fil-livell ta' dik is-sussidjarja b'livell sodisfaċenti ta' prudenza kif stabbilit fil-paragrafu li ġej (rekwiżit ta' fondi proprji nozzjonali). Id-determinazzjoni għandha ssir mid-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, mill-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni, u minn kwalunkwe impriża prinċipali immedjata ta' dik is-sussidjarja ta' pajjiż terz jekk tkun meħtieġa mill-awtorità kompetenti. Il-fondi proprji jenħtieġ li jinżammu fil-livell tal-ewwel impriża prinċipali fl-Unjoni ta' dik is-sussidjarja ta' pajjiż terz.

20. Sabiex jiġi żgurat livell sodisfaċenti ta' prudenza, ir-rekwiżiti nozzjonali ta' fondi proprji għal impriżi sussidjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi għandhom mill-inqas ikunu ugwali għar-rekwiżiti kkalkolati f'konformità mal-Parti Tlieta u l-Parti Erbgħa tar-Regolament (UE) 2019/2033. Jekk il-Kummissjoni Ewropea toħroġ deċiżjoni ta' ekwivalenza skont l-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar ir-Regolament (UE) 2019/2033 għar-reġim prudenzjali ta' pajjiżi terzi, ir-rekwiżiti kapitali kkalkolati skont dak ir-reġim prudenzjali ta' pajjiżi terzi għandhom jittqiesu li għandhom livell sodisfaċenti ta' prudenza. Jekk impriża prinċipali ta' pajjiżi terzi ma żżommx rekwiżiti ta' fondi proprji mill-inqas ugwali għar-rekwiżiti ta' fondi proprji nozzjonali meħtieġa biex jinkiseb livell sodisfaċenti ta' prudenza kif definit f'dawn il-linji gwida, jew f'livell oġġla, stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li ma jingħatax permess għal ammont aktar baxx.
21. Meta japplikaw l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jippermettu tnaqqis ta' fondi proprji li jirriżulta fil-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 15(a) li jkun aktar baxx mill-ammont speċifikat fil-paragrafi 12(g), 15(a) jew 15(e), kif applikabbli.

4.6 Informazzjoni li tenħtieġ tiġi vvalutata

22. Sabiex jivvalutaw jekk il-grupp ta' ditti ta' investiment jistax jingħata l-permess għat-test tal-kapital ta' grupp f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, jew il-permess għal ammont aktar baxx f'konformità mal-Artikolu 8(4) ta' dak ir-regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-informazzjoni kollha meħtieġa pprovduta mid-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, mill-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni jew kwalunkwe impriża prinċipali rilevanti oħra, inkluż:
- (a) deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-grupp;
 - (b) l-istruttura tal-grupp aġġornata;
 - (c) il-ħarsa ġenerali aġġornata tat-trasferiment intragrupp tal-attivitajiet u l-pożizzjonijiet soġġetti għal K-AUM, K-CMH, K-ASA, K-NPR u K-CMG;
 - (d) il-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali konsolidati f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033, jew il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fil-livell individwali għall-impriżi tal-grupp ta' ditti ta' investiment jekk l-awtorità kompetenti tapplika l-paragrafu 17;
 - (e) il-kalkolu tal-fondi proprji attwali, inkluż tal-fondi proprji nozzjonali kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 20, disponibbli fil-livell ta' kull impriża tal-grupp tad-ditta ta' investiment;
 - (f) il-kalkolu tat-test tal-kapital ta' grupp għad-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni, u għal kull impriża prinċipali tal-grupp fi Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament 2019/2033;
 - (g) il-kalkolu tal-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 15(a);
 - (h) dikjarazzjoni li tagħti dettalji dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet 4.3 u 4.4;
 - (i) informazzjoni dwar il-valwazzjoni assenjata lil kull impriża prinċipali u, jekk rilevanti, ir-raġunijiet għad-differenza kontra l-valur kontabilistiku ta' kull sussidjarja. Jekk l-awtoritajiet

kompetenti jqisu li l-isforz meħtieġ biex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni jkun sproporzjonat, huma jistgħu jistipulaw li dan ir-rekwiżit ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġi ssodisfat biss għall-aktar sussidjarji materjali, u l-materjalità jenħtieġ li tiġi vvalutata filwaqt li jitqiesu kemm id-daqs kif ukoll ir-riskju tas-sussidjarji fil-grupp ta' ditti ta' investiment.

23. Il-ftehimiet kuntrattwali msemmija fil-paragrafi 12(d) u 14(i) għandhom jitqiesu kif ipprovdut mid-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, mill-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni jew kwalunkwe impriża prinċipali rilevanti oħra biss fejn dawn ikunu materjali għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni sabiex jintuża t-test tal-kapital ta' grupp.
24. Jekk it-Taqsima 4.2 tkun applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jillimitaw il-valutazzjoni tagħhom għall-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 22, il-punti (a), (b), (d), (e), (f) u (g).
25. Sabiex jiġi vvalutat jekk il-grupp ta' ditti ta' investiment jistax jingħata l-permess għat-test tal-kapital ta' grupp f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, jew il-permess għal ammont aktar baxx f'konformità mal-Artikolu 8(4) ta' dak ir-regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli, inkluż ir-rapportar regolatorju, ir-rapportar kontabilistiku u finanzjarju, il-kontijiet tad-ditti ta' investiment interni u l-konklużjonijiet tal-ICARAP.

4.7 I-għoti, l-emendar u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni

26. Sabiex jiġi vvalutat jekk il-grupp ta' ditti ta' investiment jistax iżomm il-permess għat-test tal-kapital ta' grupp tiegħu mogħti f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, jew il-permess tiegħu għal ammont aktar baxx mogħti f'konformità mal-Artikolu 8(4) ta' dak ir-regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-informazzjoni pprovduta mid-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, mill-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew mill-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni jew minn kwalunkwe impriża prinċipali rilevanti oħra dwar kwalunkwe bidla materjali li sseħħ wara li jkun ingħata tali permess, b'mod partikolari meta tali bidla tista' taffettwa l-konformità mal-kundizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet li abbażi tagħhom ikun ingħata l-permess.
27. Sabiex jiġi vvalutat jekk il-grupp ta' ditti ta' investiment jistax iżomm il-permess għat-test tal-kapital ta' grupp tiegħu mogħti f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033, jew il-permess għal ammont aktar baxx tiegħu mogħti f'konformità mal-Artikolu 8(4) ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu ħilithom biex jiksbu mingħand id-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni jew kwalunkwe impriża prinċipali rilevanti oħra kwalunkwe informazzjoni rilevanti għall-fini tal-monitoraġġ ta' dawn l-awtoritajiet dwar jekk il-kundizzjonijiet li taħthom ikunu ngħataw il-permessi jinżammux.
28. Meta awtorità kompetenti tikkonkludi li l-kundizzjonijiet li taħthom ikun ingħata permess għat-test tal-kapital ta' grupp jew għal ammont aktar baxx ma għadhomx issodisfati, hija għandha tikkunsidra, mingħajr dewmien żejjed u wara li tkun semgħet il-fehmiet tad-ditta ta'

investiment prinċipali tal-Unjoni, tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-Unjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni, jekk tali permess għandux jiġi revokat. Jekk il-permess għat-test tal-kapital ta' grupp jiġi revokat, kwalunkwe permess għal ammont aktar baxx relatat li jingħata għandu jiġi revokat ukoll u l-grupp għandu jkun soġġett għal superviżjoni konsolidata skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/2033.

29. Jekk id-ditta ta' investiment prinċipali tal-Unjoni, il-kumpanija azzjonarja ta' investiment prinċipali tal-Unjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-Unjoni tkun ingħatat permess għat-test tal-kapital ta' grupp u permess distint għal ammont aktar baxx, ir-revoka ta' dan tal-aħħar m'għandhiex awtomatikament tirriżulta fir-revoka ta' dak tal-ewwel, filwaqt li r-revoka ta' dak tal-ewwel għandha dejjem tirriżulta fir-revoka ta' dak tal-aħħar.